MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Numru. 241/2009

Il-Pulizija
(Sp Spiridione Zammit)
vs
Clint Christ Mifsud, iben Francis, imwieled Pieta' fit-18 ta' Marzu, 1982, Karta ta' l-Identita numru 272182(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-20 ta' Frar, 2009 għal ħabta tal-11.00 p.m. u fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kien fil-Pjazza Antoine De Paule, Raħal Ġdid:
1. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għaraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO 672, tal-għamla Skoda, għad-dannu ta' Amadeo Borg mill-Marsa liema ħsara ma tiskorriex is-somma ta' €1,164.69 iżda iżjed minn €116.47;
2. għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi

mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
3. fl-istess data, lok, jum u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
4. fl-istess data, ħin u ċirkostanzi waqt li kien fil-każin tal-Partit Nazzjonalista sitwat fil-Pjazza Antoine De Paule, Raħal Ġdid ħebb kontra l-persuna ta' Amadeo Borg mill-Marsa sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
5. irrenda ruħu reċidiv skont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

6. kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta ta' Amadeo borg u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat illi l-ħsara li saret hi ta' €266.52.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 325(1)(b), 338(bb)(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ tmintax (18) il-xahar priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas lil Amadeo Borg is-somma ta’ €266.52 danni fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------